KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGĦA NUMRU 79**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2023.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum l-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2023, fl-17:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieġ – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak – Kunsilliera

Uffiċċjal Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**
Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 79.1 Talba

79.1 Il-laqgħa bdiet fl-17.30pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 79.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

79.2 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 79.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numri 76,77 u 78

79.3.1 Il-Viċi Sindku talab korrezzjoni f'punt numru 78.3 biex jiġi ċċarat il-punt li hu kien qed jaqbel sabiex din iż-żona msemmija tiġi żviluppata f'żona sportivi. Il-Kunsillier Karl Buttigieg għamel referenza għall minuti numru 76 fejn talab li jiżdied ukoll illi li kienu hu u l-Kunsilliera Valerie C Mejlak li pproponew li Gieh il-Qala jingħata lit-3 persuni kif ukoll il-Premjijiet Hidmet iż-Żgħażagħ u Hidmet Soċjali. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 79.9 Tisbiħ fil-librerija u proċess ta' *book weeding.*

79.9.1 Kien hemm qbil unanimu sabiex dan il-punt jiġi diskuss qabel u għalhekk ilqajna lis-Sinjura Elizabeth Ebejer, Chief Operations Officer mid-dipartiment tal-Librerija. Hija spjegat fid-dettal il-proċess li għaddej ġmielu dwar ir-rinovar tal-Librerija li ilu għaddej minn Awwissu. Tkellmet dwar il-proċess tal-weeding tal-kotba fejn kotba qodma jew b'informazzjoni ħażina tneħħew u bil-flus li nvesta l-Kunsill seta jinxtraw kotba ġodda. Ċertu kotba bħall-encyclopedias jridu jitneħħew minħabba li d-dina nbidlet. Infurmat lill-kamra li l-librerija tal-Qala se tkun l-ewwel waħda tax-xorta tagħha f'Għawdex li se tkun qed toffri Sensory corner imżewqa b'kuluri għat-tfal kif ukoll għal-kbar u li ġiet tailor made għal-librerija tagħna. Spjegat ukoll li baqa xogħol xi jsir li jinkludi bżonn ta' aktar xkaffar kif ukoll ma tiżjin żgħir bħal ma huma refurbishings sabiex tkun kompluta. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak staqsiet jekk hemmx ħsieb ta' data meta din tkun tista tinfetaħ però s-Sinjura Ebejer wieġbet li l-proċess tal-weeding jieħu fit-tul u ma jistax isir xogħol tal-għaġla. Is-Sindku rringrazzjha tax-xogħol li qed twettaq b'tant dedikazzjoni. Is-Sa Ebejer ħalliet il-kamra.

## 79.8 Kas Said vs Qala Local Council – Jispjega l-Avukat Dr. Mario Scerri.

79.8.1 Minħabba li kien wasal Dr. Scerri, kien hemm qbil unanimu sabiex dan il-punt jiġi diskuss qabel oħrajn. Dr. Scerri għamel referenza għall-imejl tiegħu li hu kien bagħat lil-kunsill, datata 15ta' Novembru 2023 u li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

bħala Anex 1. Huwa taha l-parir lill-Kunsill sabiex jimxi ma dak li fiehem fl-imejl tiegħu minħabba l-fatt illi jekk il-kawża tibqa sejra, hemm riskju li l-Kunsill jeħel l-ispejjeż kif ukoll interessi għola li jirduppjaw minn 4% għal-10%. Hu talab illi l-imgħax jibda minn meta infetħet il-kawża u mhux minn meta sar ix-xogħol. Spjega li nuqqasijiet kien hemm min-naħa ta' tnejn, l-kuntrattur għaġġel għax messu ra li x-xogħol kien approvat mill-Kunsill qabel ma għamlu. Is-Sinjura Said kienet taf li ċertu xogħolijiet ma kienux approvati mill-Kunsill għaliex qalitu hi stess fl-aħħar laqgħa li nżammet riċentament hawn fil-Kunsill. Dr. Scerri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-importanza li dejjem jaċċerta ruħhu li x-xogħolijiet ikunu approvati mill-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu sabiex nimxu mal-parir tal-avukat Dr. Scerri. Għalhekk intbgħatet t-tweġiba dak il-ħin stress lil-Dr. Galea. Kien hemm qbil ukoll li jekk il-Kuntrattur jaqbel mal-arranġament tal-Avukat Scerri, l-Kunsill joħroġ il-pagament immedjatament ħalli taqa l-kawża li hija posposta għas-7ta' Diċembru 2023. Kien hemm qbil li s-Segretarju Ezekuttiv għandha toħroġ il-pagament malli tirċievi risposta mingħand Dr. Galea. Il-Kunsill irringrazzja lil Dr. Scerri u dan ħalla l-kamra.

## 79.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

a. Nixtieq nibda din il-laqgha billi naghti tislima lil ex kunsilliera Angela Portelli li hallietna nhar is-27 t'Ottubru 2023. Hija kienet kunsilliera fil-Kunsill Lokali Qala mill-1994 sa l-2004. Jiena, f'isimkom u f'isem il-familja tieghi naghtu kondoljanzi lil familjari taghha. Ma hdimtx maghha fil-kunsill pero naf sew li kienet kunsilliera b'qalba tajba, b'valuri sodi u mahbuba minn kulhadd. Grazzi Golina tax-xoghol li ghamilt ghal-gid tal-Qala, anke wara li temmejt l-kariga tieghek fil-kunsill. Aghtiha o Mulej il-mistrieh ta' dejjem.

**b. Triq il-Barbagann**

Peress li minhabba l-gheluq ta' triq 28 t'April qed tintuza hafna triq il-barbagann tlabt lil Ministeru ghall ghawdex biex jsir xi forma ta lquh biex jitnaqqas il-periklu ezistenti. Diversi persuni ukoll talbuni biex fi triq il-Barbagann isir xi forma ta' barrier. Qed nistenna risposta. Kien hemm ukoll min issurggerieli li jsir dawl matul din it-triq, taqblu li napplikaw?

Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak semmiet li l-arbli jridu jsiru bi ħsieb biex nassiguraw li ma ngħattux il-veduta. Semmiet ukoll li suppost l-perit qed jaħdem għall-proġett ta' tisbiħ f'din l-area. Fakkret li hi ilha s-snin tressaq f'kull laqgħa sabiex jitwaħħlu l-bankijiet u jitpoġġew il-pots sabiex din iż-żona tkun tista titgawda minn kulħadd.

**c. Reburbishment tat-toilets ta triq 28 t'april**

Fl-ahhar laqgha ghidtilkom dwar r refurbishments tat-toilets ta triq -28 ta April u li kont ser niddiskutiha fil laqgha tar regjun. Din kienet stagnat peress li kunsill mill-applikanti



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

kien ghadu ma kienx compliant ,u r-regjun kienu qed jistennewh bil-konsegwenza li kien hemm d-delays fl-applikazzjoni taghna u ta' kunsill ohra, Jien insistejt li ma hux sew li noqghodu nistennewh u s-sindki li kienu prezenti ghal-laqgha kollha qablu mieghi u hekk sar. Bi pjacir nghidilkom li t talba li ghamilt intlaqghet u l-applikazzjoni imxiet. L-applikazzjoni issa giet approvata u ser nohorgu t tenders. Ghal dan ir-refurbishment inghatajna is-somma ta' 40 elf ewro.

**d. CCTV cameras**

Il-bierah attendejt ghal-cerimonja fejn inghatajna is-somma ta' ghaxart elef u tlett mitt ewro mis-segretarjat ghal-kunsilli lokali. Dawn il-flus huma fondi li ser nuzaw biex naghmlu disa cctv cameras madwar il-qala biex hekk ikollna aktar sigurta fir-rahal taghna.

**e. Coffee morning**

Harga tal anzjani li saret nhar it-tlieta 7 ta' Novembru fejn marru quddiesa u laghbu t-tombla u kellhom ikla fil-Lantern Restaurant kienet ta success u b'attendenza tajba hafna. Hija harga li l-anzjani vera jkunu qed jistennewha. Qed nippreparaw iehor ghal-dicembru.

**f. triq 28 ta April**

Xoghol fi triq 28 ta April miexi b`ritmu tajjeb hafna u ma kull min tkellimt kulhadd kelma wahda li jinsabu kuntenti kif miexi x-xoghol.

Matul t triq ser jinbidlu is-sifjuni kollha u t tappieri biex b`hekk x-xoghol jkun ta kwalita u mhux jithallew sifjuni li huma qodma hafna. Sew is sifjuni u anke it tappieri ser jithallsu mill kunsill. Taqblu ma dan? Is-Sindku spjega li l-ispiża hija waħda żgħira. Sakemm l-ispiża ma hiex kbira, l-kunsill qabel li dawn it-tappieri jsiru mill-Kunsill.

**g. Laqgha li saret ma Mark Agius,Daniel Refalo u Segretarju Lorne Cremona.**

Peress li fl-ahhar laqgha li kellna, il-kunsillier Karl Buttigieg akkuzani li jien attendejt ghal-lagha wahdi ma ta' Dirjanu fir-rigward il-bini ta' kassja, ser naqralkom il-minuti li inkitbu mill-ex agent segretarju Lorne Cremona waqt li kien prezenti ghal-laqgha li saret fl-ufficini tal-Kunsill nhar is-26 t'April 2021.

Se naqra l-minuti kelma bkelma x'intqal u qed nitlob li jigu attached halli l-poplu jkun jaf il verita dwar il-kaz ta Dirjanu u l-gideb li ntqal fuqi li inghatajt zewg flats.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku kif ukoll tal-membri li l-laqgħa fiha biss tlett sigħat u ma jistax ikun li ngħaddu l-ħin kollu tal-laqgħa sabiex jinqraw dawn il-minuti li kienu jikkonsistu minn ammont ta' paġni. Talbet lis-Sindku sabiex jgħaddi kopja lill-membri kollha u nimxu bil-laqgħa. Is-Sindku talab sabiex kopja ta' dawn il-minuti jitnizzlu mal-minuti tal-Kunsill. (vide Anex 2)



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

h. **Substation fil kuncizzjoni.**

Il-process biex issir substation fin-naha tal-kuncizzjoni biex tissahhah il-provista tad-dawl ta' dawk l-inhawi, miexi b'ritmu tajjeb.

**i.Dghajjes u karozzi mitluqa fil-Qala**

Dan is-suggett gie diskuss diversi drabi waqt laqghat tal-kunsill u mal-Community police. Nixtieq nerga ntenni ghal-ahhar darba, li jiena bhalha Sindku miniex lestli niehu r-responsabilta li nittowja karozzi u dghajjes minghajr ma jkolli bil-miktub ufficjalment li l-quddiem, individwi, qraba jew sahansitra anke eredi ma jistghux jfittxuna ghad -danni ta li nehhejna minn posta l-vettura koncernata. Kunu afu li xhin jigu ttowjati il-vettura jew dghajsa tigi meqruda jew mibjugha. X'garanzija ghandna li xi darba ma jigix xi hadd mill-qraba fejn jivvinta xi somma astronomika ta' kemm kienet tiswa l-vettura jew dghajsa, bil-konsegwenza li nispiccaw b'xi borg qorti, Jien mhux ser nerfa responsabilta. Rahal wiehed biss kien lest li jigbor l-vetturi allura l-kumplament t'ghawdex kollu m'ghandhomx din il-problema bhalna?

**j. Donazzjoni ta' palm.**

Hemm persuna barranija li toqghod il-Qala li tixtieq taghti lil kunsill tlett palmiet biex inhawluhom f'roundabout. Is-sid jixtieq li jithawlu fir-roundabout ta' gulju. Tkellimt ma espert u qalli li dawk f'jannar jinqalghu.

**k. Award lil Paul Buttigieg**

Nhar is-Sibt 11 ta' Novembru l-kunsilliera u jiena attendejna ghac-cerimonja msejha 'Lejla ta' rikonoxximent'. Din ittellghet f'Dar il-mediterran il-Belt. Din kienet celebrazzjoni biex jigu rikonoxxuti persuni li ghamlu zmien twil jahdmu fil-kunsilli. Mill-Qala gie awarded l-ex sindku u kunsillier paul Buttigieg tal-hidma tieghu fil-Kunsill tal-Qala. F'din il-legislatura, lil paul tajnih ukoll l-unur ta' Gieh il-Qala.

**l. Programm festi tal-Milied**

Is-sena l-ohra kellna programm sabih hafna ghal-festi tal-Milied li kien immirat lejn ir-residenti kollha ta' kull eta. Din is-sena qed nahdmu biex inkabbru dak li ghamilna s-sena l-ohra. Fil-fatt fl-1, 2 u 3 ta' dicembru ser ikollna weekend mimli attivitajiet, bil-qofol tieghu jkun is-sibt 2 ta'dicembru bl-attivita msejha milied flimkien, li ksibna fondi ghaliha. L-anzjani ser naghmlulhom il-coffee morning li tinkludi ikla li tant toghgobhom u bhas-snin ta' qabel jinghataw rigal zghir. Nixtieq li din is-sena ukoll, l-adoloxxenti u zaghzagh ikollhom attivita immirata ghalihom. Is-sena l-ohra konna hadnihom ghal-millenium chapel u wara marru laser tag u kien ghogobhom hafna. Ikkomunikajt ma Fr. Michael li hu l-qassis inkarigat miz-zaghzagh u jixtieq li din is-sena l-attivita tkun tinkludi li jmorru s-soup kitchen tal-belt biex b'hekk jitghalmu jghinu lil haddiehor u wara jixtieq li jmorru



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

jiddevertu f'xi escape room. Jien naqbel ma din l-attivita? Intom taqblu? Sintendi d-data tkun fil-vaganzi tal-Milied. Bhas-soltu l-kunsill jipprovdi t-trasport. F'dan il-programm tal-milied ser ninkorporaw gieh il-qala wkoll.

Il-Kunsill qabel li ssir attivita għaż-żgħażagħ organizzata mill-Kunsill flimkien ma Fr. Michael.

**m). Gnien Magistrat Salvu Attard**

Wara li kien ilna il'fuq minn 4 snin ghaddejjin b'kawza dwar il playing field magistrat Salvu Attard, mil-qorti inqatghet li l kunsill kien ghamel l-playing field fuq art privata. Issa li gie ddikjarat li din l-art mhix tal-kunsill, jien mall ewwel tlabt lil ministeru ghal ghawdex biex jintervjeni biex ma nitilfux dan il-playing field. Gejt infurmat li l-ministeru bdew jahdmu fuq din it-talba u beda ghaddej ix-xoghol biex din l-area tigi esproprijata u xhin isir dan l-espropazzjoni nkunu nistghu naghmlu l-upgrade li konna ser naghmlu originarjament. L-avukat ghandu jibghatilna l-kont biex inhalsuh tax-xoghol li ghamel il-qorti fuq din il-kawza.

**n. Passagg tal-MIntuff**

Ircevejna risposta dwar il-passagg li jinsab fid-dahla tal-mintuff. Dan diga iddiskutejnih diversi drabi fil-laqghat tal-kunsill . Minn li jidher wasalna ghal ftehim. Jien ser nitlob laqgha fejn fiha jkunu prezenti l-perit tal-kunsill, l-avukat u intom l-kunsilliera jekk tixtiequ tattendu. S'issa data ma ghandix ninfurmakom aktar il-quddiem.

Il-membri ddiskutew li din ma hix kwistjoni tal-Kunsill għaliex huwa post privat u għalhekk il-Kunsill ma għandux jidħol fiha. Ġaladarba is-sidien jaslu għal ftehim, il-Kunsill ikun jista jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-oġġezzjoni dwar l-applikazzjoni mal-Planning Authority.

**o. Cleanup**

Nhar is-sibt 18 ta' Novembru ser ssir cleanup ohra mill-grupp keep qala clean fl-inhawi tal-wileg. Intom kollha mistednin biex tigu.

**p. Gnien il-familja u l-ground tal football**

B'referenza ghall-post li deher fuq facebook miz-zewg kunsilliera Valerie u Karl rigward il-grawnd tal-futbol u l-ghelieqi tal-madwar, nixtieq niccara dawn il-punti.

Tajjeb li nibdew billi nerga nfakkarkom li l-kuntratt tad-devoluzzjoni tal-art imsemmiha kien gie iffirmat mis-sindku tal-kunsill lokali tal-Qala fl-2007, fejn dan kien ikopri ghal-hmistax -il sena BISS u allura kif diga gie diskuss, dan skada f'Dicembru tal-2022. La darba il-kuntratt skada, kulhadd ghandu jifhem li l-kunsill ma kienx ghadu l-propjetarju ta' dik iz-zona.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Fl-opinjoni tieghi l-izball il-kbir sar fl-2007 meta dakinhar ma kienux ghaqlin bizzejjed u raw li l-kuntratt ikun ghal itwal zmien . Ghandna diversi ezempji minn naha tal-gvern fejn jidhlu kunsilli lokali rigward devoluzzjoni fejn dawn jinghataw ghal hafna snin itwal, nafu b kuntratti ta' aktar snin bhal 50, 60 sena.

Ta' min isemmi punt iehor importanti rigward il-post qarrieqa taghkom fuq il-mezzi socjali fejn kienet tindika biss li l-grawnd tal-football u l-ghelieqi tal-madwar saru propjeta ta' Sports Malta. Veru li ghaddew ghand Sports Malta pero fil-laqgha urgenti li saret fis-27 ta' Ottubru, il-President tal-club tal-football ta' Qala Saints FC li kien prezenti ghal-laqgha, spjega car u tond li l-grawnd tal-football kif ukoll l-ghelieqi tal-madwar, ser jghaddu ghand il-club tal-Qala Saints FC.

Ma rridux ninsew l-isforz enormi fl-investiment tal-grawnd tal-football fejn il-club dahal responsabbli mil-bini tal-grawnd filwaqt li l-ministeru ghal Ghawdex dahal responsabbli ghal fencing, dwal u turf. Ghalhekk nerga ntenni li fil-post li tellajtu, pruvajtu tidhku bil-Qalin ghax minkejja li kontu nfurmati li l-Qala Saints FC ser isir l-amministratur il-gdid tal-grawnd u tal-ghelieqi tal-madwar,xorta din l-informazzjoni ma semmejtuhiex.

Jekk taghtu harsa lejn il-gazzetta tal-kunsill lokali li harget fis sena tal 1999, tindunaw li dakinhar gie mwieghed grawnd bit-turf. Fil-gazzetta tal-kunsill lokali ta' Mejju tal-2004, fil-faccata ta' quddiem, saret pjanta b'hafna affarijiet li minnhom ma sar xejn. Dakinhar il-poplu tal-Qala gie imwieghed li ser issir trakka tal-karozzi tar-remote control, parkegg, il-grawnd ezistenti bit-turf u stand ghal-ispettaturi, grawnd iehor 5 aside, pitch tat-tennis court u pitch tal-basketball bl-istand mieghu ukoll. Kif ilkoll tafu minn dan ma sar xejn, Ghal kuntrarju kien gvern prezenti li permezz tal- ministeru ghal Ghawdex il-holma tal-Qalin saret realta. Illum nistghu nghidu li ghandna grawnd tal-football attrezzat bl-ghola standards.

X'hin wiehed jizen kollox ghandu jasal ghal-konkluzzjoni li wasalna ghalija ahna t tlett l-kunsilleri, li iva napppogjaw il-club tal-football fil-progett ta' sport facilities mill-aqwa f'dawn l-ghelieqi msemmiha biswit il-grawnd tal-football.

Ghalhekk nerga ntenni li iva ghalkemm ma kontx naf peronalment bl-applikazzjoni li saret mil-Qala Saints FC lil Sports Malta ghad-devoluzzjuni tal-grawnd u tal-ghelieqi tal-madwar, ninsab konvint li din l-area tista tigi wzata ferm ahjar minn kif ilha dawn is-snin kollha minn mindu gie inawgurat dan il-gnien. Bhalha kunsill kemm kemm ghandna haddiema bizzejjed biex niehdu hsieb il-Qala ahseb ara biex nzommu f'kundizzjoni tajba gnien enormi bhal dak.

Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal lis-Sindku li allaħares is-Sindku li kien hemm fl-2007 ma assigurax li jsir kuntratt ta' devoluzzjoni għall-15 il-sena għax kieku la hemm Ġnien il-Familja, la hemm Ġnien il-Hajja u wisq aktar seta jsir il-proġett tal-ground bid-daqs li fih



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

illum. Qal li kien fi dmir tas-Sindku preżenti li kellu jġedded il-kuntratt għal 15 il-sena oħra dwar din iż-żona kollha. Qal ukoll li għalkemm ġie iffirmat kuntratt ta' devoluzzjoni fuq l-art kollha għal 5 snin biss mis-Sindku, ftit jiem wara, ikkanċella l-kuntratt ta' devoluzzjoni li kien iffirma hu stress biex l-art tkun tista' tgħaddi fil-maġġor parti tagħha lil entita' governattiva oħra għal proġett li kien qed jinħema minn wara dahar il-Kunsill, fejn sal-lum il-Kunsill kien għadu ma giex prezentat bl-ebda proġett li ħa jsir. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ qal li sal-2012, il-Qala kellha zewġ playing fields attrezzati tajjeb ħafna u li llum għadna wieħed li parti kbira minnu s-Sindku ħallih jintelaq minn taħt idejn il-Kunsill darba għal dejjem. Il-Kunsillier Buttiġieġ staqsa lis-Sindku jekk kellux bil-miktub li l-art għaddiet lill-Club tal-futbol tal-Qala, iżda s-Sindku qal li ma kellux.

## 79.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

### 79.5.1 Mill-Viċi Sindku Ivan Ċefai

a. Semma li hemm żewġ bozoz mitfija fi Triq il-Belveder

b. Fakkar dwar il-ftehim li l-Kunsill kien għamel mal-Familja Attard u l-kumpens li s-soltu jħallas il-kunsill għall-wifi li hemm fil-Kappella tal-Madonna tal-Blat. Kien hemm qbil li ntuhom €100 fis-sena.

c. Hemm bżonn li jitwaħħlu garbage bins fejn l-istess kappella.

d. Semma li hemm bżonn li jsir it-trattament tas-siġar tal-Pjazza għal kontra l-White Fly. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet nota ta' dan.

e. Semma l-bżonn li jinżebħu s-sinjali tat-traffiku li hemm fi Triq l-Imġarr.

f. Talab li ssir tabella li turi d-direzzjoni lejn Hondoq mill-kantuniera ta' Triq ir-Rebħa. Kif ukoll jsiru d-diversion Signs fil-kantunieri li kien ressaq f'laqgħat preċedenti.

Ġ. Qajjem il-bżonn li jsir xi ħaġa minħabba li t-trukkijiet għadhom għaddejjin minn Triq il-Mitħna. Ġiet diskussa l-possibilita ta' Bye Law. Is-Seg. Eżekuttiv se tkun qed tiċċekja dwar dan.

h. Semma li reġa tbattal id-dranaġġ fil-fossa tal-Kunċiżżjoni . Is-Sindku ħa jieħu ħsieb jerġa jkellem lil-Inġinier.

i. Ressaq it-talba sabiex isir cement fi Sqaq tal-Harġ. Ressaq ukoll il-bżonn li titranġa l-gradilja li tinsab fi Triq il-Kunċizzjoni minħabba li qed toħloq inkonvenjent lir-residenti. Semma wkoll il-bżonn li jitnaddfu l-gradilji qabel tibda x-xita. Is-Sindku semma li l-problema li biex isir dan ix-xogħol jkollna bżonn nagħlqu t-triq kull darba.

j. Semma l-bzonn li kieku ssir Zebra Crossing ħdejn l-Iskola. Kien hemm qbil unanimu sabiex nibdew il-proċess sabiex din issir. Semma wkoll jekk hux possibbli li l-Kunsill iqabbad lil xi anzjan biex jgħin lit-tfal jaqsmu.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

k. Ressaq il-bzonn li tinkines Triq ir-Rebħa kif ukoll sabiex iż-żebgħa ta Triq il-Wileġ terġa tinżebaħ.

l. Ressaq il-bżonn li fi Triq il-Kunċizzjoni ssir roundabout imbuzzata minn mal-art sabiex tkun aktar tidher. Il-Kunsill qabel ma dan. Semma wkoll li hemm ħofra fi Triq Andar ix-Xagħri li għandha bżonn tintela.

m. Semma li l-kunvent tas-sorijiet inbigħ u minflok se jinbena 14il-apartament.

n. Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-proġett ta' Substation fil-Kunċizzjoni u spjega x-xogħol li hu għamel fuq dan il-proġett fi Frar 2022 fosthom id-diversi laqgħat li kellu mal-membri tal-Kleru u mal-Kurja. Minħabba hekk hu talab li hu jrid li jkun preżenti fil-laqgħat li se jsiru bejn l-Enemalta, l-Knisja u l-Kunsill. Is-Sindku nsista li kien hu li ħadem fuq il-proġett però l-Viċi Sindku kompla li kien hu li kien tkellem sew mall-paroċċa kif ukoll mal-kurja u ma Tony Bezzina dak in-nhar li kien ġie l-Papa' dwar dak li kien ippropona hu. Għalhekk insista li hu jrid ikun preżenti f'kull laqgħa li ssir fuq dan il-proġett. IS-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li hi ma kienet involuta f'xejn dwar dan il-każ u qed tisma dwar dan il-proġett issa f'din il-laqgħa.

**79.5.2 Mill-Kunsillier Karl Buttiġieġ**

a. Staqsa meta se jeħlu l-fanali tar-roundabouts. Is-Sindku wieġeb li se jkunu qed jitwaħħlu erba' bollards sabiex il-vetturi ma jolqtux il-fanali. Staqsa wkoll meta se ssir iż-żebra crossing. Is-Seg. Eżekuttiv weġbitu li se ssir mill-ħaddiema tal-MGOZ fi żmien qarib.

b. Staqsa fuq x'ġara min-negotiation procedure li kellu jsir dwar ix-xogħolijiet li huma għaddejjin fi Triq it-28 ta' April 1688. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet illi wara li ddiskutit din il-materja mad-DLG irriżulta li la x-xogħolijiet bdew wieħed ma jistax jitlob għal negotiation procedure u allura din it-talba ma saritx. Żiedet li ma tistax twieġeb aktar dwar dawn ix-xogħolijiet minħabba li ma hiex f'pożizzjoni li twieġeb hi imma jwieġeb is-Sindku. Fakkret li l-Kunsill kien bagħat l-ittri sew lill-Kuntrattur kif ukoll lill-Perit li biha kienu nfurmati li l-Kunsill se jkun qed iħallas biss, l-ammont li huwa kopert bil-kuntratt, jiġifieri dak ta' €118,065 (excl VAT). Is-Sindku stqarr li qed jieħdu ħsieb l-Ministeru Għal Għawdex, x-xogħolijiet se jitħallsu mill-MGOZ u l-WSC se jieħdu ħsieb huma u dwar dan se tkun qed toħroġ stqarrija mill-Ministeru. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak qalet li s-Sindku kien qal ħaġa oħra fil-Coffee Morning tal-Kunsill u kien hemm diskussjoni dwar allegazzjoni ta' recording li skont is-Sindku waqt d-diskors tiegħu, kienet qed tirrekordja l-Kunsilliera C Mejlak. Hija qaltlu li ma rrikordjatx pero kellha kull dritt minħabba li dan kien public speech u semmiet li s-Sindku semma affarijiet li mank biss kien għaddihom fil-Kunsill.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa lis-Sindku dwar min qed jikkommetti li jħallas l-ammonti u l-Kunsilliera Valerie C Mejlak staqsietu wkoll dwar min qed jagħmel l-akbar proġett li sar fil-Qala. Is-Sindku wieġeb li l-mistoqsijiet jistgħu jagħmluhom lill-Ministeru. Il-Kunsillier Karl Buttigieg iddikjara li din ir-risposta ma hix aċċettabbli u l-kunsill għandu dritt ikun jaf mnejn se jitħallsu. Is-Sindku reġa wieġeb li l-Ministeru se jkun qed jagħti tweġiba dwar x'se jsir. Il-Kunsillier Karl Buttigieg, talab li jingħata kopja kif hu dritt tiegħu, tal-kuntratti li l-Kunsill iffirma mal-Kuntrattur għal xogħolijiet ta' Triq it-28ta' April 1688 kif ukoll ta' Triq il-Kunċizzjoni.

c. Semma li b'dipjaċir kbir post fuq il-facebook tal-Kunsill dwar l-awards li rebaħ il-Kunsill ma ħariġx. Dawn l-awards rebaħhom il-Kunsill u mhux is-Sindku. Is-Sindku wieġeb li fis-serata lis-Sindku għajtu u qaluli li dawn għax-xogħol li kien wettaq, però l-Kunsillier Karl Buttigieg qallu li la hu biss kien hemm jirrappreżenta lill-Kunsill, bilfors lilu riedu jgħajjtu. Bl-ebda mod ma kien ifisser li dawk l-awards kienu qed jingħataw lilu u dan kien ċar fil-korrispondenza li għaddiet mal-organizzaturi u li l-kunsill kollu ra.

d. Semma li dwar il-futbol grownd, is-Sindku ma jistax jattakka nies li ma jkunux preżenti u staqsih jekk sarx xi proġett matul il-ħames snin li ilu Sindku hu. Fakkar li l-kuntratt sar bejn il-Lands u Sports Malta u mhux mall-futbol, fakkar ukoll li s-Sindku kien diġà ffirma l-Kuntratt għal ħames snin oħra u wara ddeċieda li jħassar dak li kien diġà ffirma. Stqarr li l-art intilfet bid-deċizzjoni li ħa s-Sindku.

**79.5.3 Mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak**

a. Il-bozza Solar twaħħlet u n-nies kuntenti biha. Semmiet ukoll li l-festun tal-Pjazza ma xegħel qatt u li għadhom ma sarux l-fanali ta' Sant Antnin. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha li l-electrician qed jistenna xi parts biex jkunu jistgħu jsiru li suppost dalwaqt jaslu. Semmiet ukoll li hemm 3 bozoz tal-pjazza mitfihin.

b. Hemm bżonn li jerġa jitnaddaf il-Wied tal-Marġa. Is-Sindku wieġeb li kulħadd qed jitfa ġo fih.

c. Staqsiet għal update dwar il-petition tal-bus. Is-Seg Eżekuttiv infurmat lill-membri li sa issa ma rċeviet xejn lura però l-Kunsilliera C Mejlak infurmat lill-kamra li s-Sa Connette attendied għal laqgħa ma TM tirrappreżenta l-Kunsill u dan bl-approvazzjoni tas-Sindku mingħajr ma kienet infurmata la s-Seg. Eżekuttiv u lanqas il-Kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv ikkonfermat li ma kinitx informata b'dan u talbet sabiex dan ma jerġax jiġri. Se tkun qed tara ftit mas-Sa Connette u ma TM x'qed jiġri.

d. Staqsiet lis-Seg. Eżekuttiv jekk iċċekjatx dwar jekk il-Kunsill kienx ingħata donazzjoni. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li wara li saru r-riċerki jidher li l-Kunsill kien ingħata żewġ donazzjonijiet, wieħed ta' €100 u ieħor ta' €300. Is-Sindku stqarr li hu ma kienx jaf bihom. Il-Kunsilliera staqsiet lis-Sindku jekk hux ċert li Alan Muscat ma kienx tah ċekk, u



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

s-Sindku wieġeb li qatt ma tah ċekkijiet. Il-Kunsilllier Karl Buttiġieġ staqsa wkoll lis-Sindku jekk kienx qatt għadda ċekkijiet lil-Agent Seg. Eżekuttiv u s-Sindku wieġeb li Le.

e. Staqsiet x'ġara mill-għamara li tneħħiet mil-Librerija. Is-Sindku weġibha li tahom lil nies mill-Qala. Il-Kunsilliera staqsiet lil min tahom għaliex jekk verament marru għand nies fil-bżonn dawn in-nies hi li tkun taf bihom. Is-Sindku qal li filkas jerġa jġib kollox lura. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak u l-Kunsillier K Buttiġieġ qalu li jridu jkunu jafu lil min tahom.

f. Staqsiet jekk il-Logbook li talbu fil-laqgħa preċedenti kienx sar. Is-Sindku wieġeb li le ma sarx. Il-Kunsillier K Buttiġieġ qal li t-trukk tal-kunsill ma hux qiegħed għas-Sindku biex imur lejn Malta bih bil-fuel imħallas mill-Kunsill, imma għall-ħaddiema biex iwettqu x-xogħol li jkun hemm bżonn u b'dan li qed jagħmel is-Sindku, qed jikser il-liġi. Il-Kunsilliera V. C Mejlak żiedet li waqtil-ħin tax-xogħol is-Sindku jkun suppost fuq xogħol tas-CMU u mhux xogħol tal-Kunsill u għalhekk mhux suppost li qed juża t-trukk tal-Kunsill. Is-Sindku semma li donnu kulħadd nesa s-7 snin xogħol li kien għamel jiġri bil-karozza tiegħu għal xogħol tal-Kunsill u allura jitlob li jiġi kkompensat għalihom. Karl Buttigieg wieġeb li s-Sindki għandhom l-allowance li jingħata propju biex ikopri dawn l-ispejjeż u ma jistax jitlob għal xi kumpens. Is-Sindku talab lis-Seg Eżekuttiv biex tiċċekja mal-Kunsilli l-oħra filwaqt li l-Kunsillier Karl Buttigieg talab lis-Seg Eżekuttiv biex tieħu ruling mid-DLG għaliex is-Sindku ma jridx jagħmel il-Log book. Is-Seg. Eżekuttiv qalet li r-regolamenti tal-PSMC huma applikabbli għal kulħadd l-istess.

g. Semmiet il-problema tal-ħamiem. Ġie deċiż li naraw jekk il-Kuntrattur jistax joffri kwotazzjoni aħjar għal perjodu twil.

h. Staqsiet dwar l-attivitajiet tal-Milied li se jiġu diskussi aktar il-quddiem skont l-agenda.

i. Semmiet il-patching li hemm bżonn li jsir fi Triq il-Wardija u li s-Sindku ma jridx jagħmel. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ma għandux inġenji biex jagħmel dan ix-xogħol u għalhekk hi talbet li għandna nqabbdu lil ħaddieħor. Semmiet ukoll l-problema tal-kanen msadda li hemm fl-isqaqin, u li waħda minnhom fl-aħħra ġiet solvuta.

j. Ressqet il-bżonn li jsir xogħol ta' patching f'diversi postijiet fi Triq il-Wardija. Is-Seg. Ezekkuttiv ħadet nota ta' dawn il-postijiet.

k. Semmiet il-fatt li x-xelter tal-Pjazza ma jistax jinfetaħ għall-pubbliku. Hija semmiet li huwa vera li dan qiegħed fin-nofs tat-triq però l-bokka l-oħra tiġi fil-Pjazzetta u allura kieku bil-permess tal-knisja dan ix-xelter jkun attrazzjoni sabiħa. Il-Kunsillier J Buttigieg qal li jekk hi fil-parti tal-knisja ma nistgħux nidħlu fuqha. Ġie deċiż li nkellmu lil Perit dwar dan.

## 79.6 Rapport Finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena 2023



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

79.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat r-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena li ġie unanimament approvat u ffirmat mis-Sindku u mis-Seg. Eżekuttiv.

## 79.7 Żvilupp u titjib ta' Latrini Pubbliċi -Hruġ u għoti ta' offerti

79.7.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-kamra li hekk kif kien ġie kkomunikat lilhom tramite l-korrispondenza b'imejl, l-Kunsill se jkun qed jiffirma l-Kuntratt ma Nicholas Zammit għal servizz ta' knis, liema sejħa għal kwotazzjonijiet għalqet fil-21 ta' Novembru 2023. Il-Kunsill ser jerġa joħroġ sejħa għall-offerti (tender) għal servizz ta' knis minħabba li l-kwotazzjoni tipprovdi sa l-ammont ta' €10K.

79.7.2 L-offerti għal servizz ta' Bulky refuse collection għalqet u bħalissa tinsab fi stadju ta evalwazzjoni. Il-Kunsill irċieva tlett offerti.

79.7.3 L-offerti għal akkwist ta' fanali għalqet u wkoll tinsab fl-istadju ta' evalwazzjoni. Il-Kunsill irċieva offerta waħda.

79.7.4 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-kamra li l-Kunsill ser jingħata l-fondi kollha relatati mal-ispiża gaħl renovar tal-Latrina Pubblika u għalhekk se jkun qed iħejji biex joħroġ is-sejħa għall-offerti.

## 79.10 Attivitajiet tal-Milied, Gieħ il-Qala u Premju Hidmet iż-Żgħażagħ.

79.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li l-Kunsill għaddej bil-preparamenti għall-attivita Milied Flimkien u tat overview ta kif se jkun il-program. Kien hemm qbil sabiex nsibu band għall-attivita' kif ukoll sabiex inqassmu fuljett fl-iskejjel primarji ta' Għawdex kollu. Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak qed tieħu ħsieb il-Christmas Market.

79.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li għaddej bil-preparamenti wkoll għall-Gieħ il-Qala. Kien hemm qbil dwar il-premji li għandhom jingħataw.

## 79.11 Korrispondenza, Materja Amministrattiva, Imenti u Suġġerimenti

79.11.1 Email mill-Community Chest Fund dwar Ponsietta Sales bħala Fund Raising Activities. – Xiri ta' Ponsietta – 4.50 kbar u 3.00 zghar. Kien hemm qbil li nixttu l-ponsietti għar-residenti li jattendu għall-Coffee morning ta' żmien il-Milied.

79.11.2 Korrispondenza li ntbatet mir-Reġjun Għawdex lill-Ministeru għal Għawdex dwar in-nuqqas ta' nfurzar għal karozzi li jkunu pparkjati ħażin speċjalment f'postijiet fejn il-Kunsill ikun ħareġ permess għal xogħolijiet u tkun twaħħlet in-No Parking sign minn 48 siegħa qabel.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

79.11.3 Is-Seg Ezekuttiv infurmat lill-kamra li saret laqgħa ma' Joseph Cutajar dwar l-pagamenti li saru matul is-sena 2023. S-Sinj Cutajar spjega li l-ħlasijiet kienu jkopru s-snin mit-2021 u 2022. Kien hemm qbil li jerġa jinxtgħelu d-dwal tal-Milied bħas-snin l-imgħoddija.

79.11.4 Imejl mingħand is-Sur Brian Restall li talab meeting mas-Sindku sabiex jiddiskutu redirection għal passaġġ pubbliku li jwassal sa Hondoq. Dan ġie diskuss aktar kmieni fl-istess laqgħa.

79.11.5 Imejl mingħand Gordon Caruana dwar il-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar il-gwerra. Il-prezz ta' kull ktieb huwa ta' €25. Il-Kunsill qabel li jinxtraw 2 kotba.

79.11.6 Cirkulari numru 17/2023 dwar l-għeluq tas-sena finanzjarja 2023. Id-dokumenti għandhom jiġu ppreparati sal-Ġimgħa, 28 ta' Frar 2024.

79.11.7 L-attivitajiet tal-Milied ġew pubblikati fuq l-portal Gozo in the house.

79.11.8 Skema -Upgrading Works to Qala Public Convenience – ingħatajna l-ammont kollu li huwa dak ta' €41,423.18. Ix-xogħol irid ikun lest sad-29 ta' Marzu 2024.

79.11.9 Il-Kuntratt il-ġdid mal-Lands dwar id-devoluzzjoni tad-daħla ta' Grunju (Ġnien il-Familja) b'referenza Z60732 ġie ffirmat u ntbagħt lil Lands fit-8ta' Novembru 2023.

79.11.10 Stop Order mingħand l-OHSA wara li rċivew ilment dwar asbestos li kien jidher fi Triq 28ta' April 1688. Il-Kunsill irċieva l-istess ilment. Il-Perit kif ukoll il-kuntrattur ġew infurmati b'dan. Il-Kuntrattur informa lis-Segretarju Ezekuttiv li dak li jidher fir-ritratt ma kellux x'jaqsam max-xogħolijiet li kien hemm għaddejjin fit-triq.

79.11.11 Il-Programmi tal-Milied, Milied Flimkien kif ukoll il-Christmas Market li se jsiru mill-1 sat-3 ta' Diċembru 2023. Is-Seg. Ezekuttiv ippreżentat kopja tal-programm li ser jittella s-Sibt, 2 ta' Diċembru 2023.

79.11.12 Is-Seg. Eżekuttiv ippreżentat kopja tal-Management Letter għas-sena finanzjarja 2021.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

79.11.13 Ġie ppreżentat MOU ġdid tan-naħla fejn jekk ikun hemm il-qbil il-Kunsill jkun qed jaqbel li ma jaqtax il-ħaxix il-ħażin minn toroq rurali. Il-Kunsill ma jaqbilx li ma jinqata xejn u għalhekk għandu jkun hemm postijiet bħal Tal-Horq u Triq Andar ix-Xagħri li ma jiġux inklużi f'dan il-ftehim.

79.11.14 Schedule No 12 - Tirreferi għal invoices li jkopru xogħolijiet li ma kienux koperti b'kuntratt u għalhekk huma meqjusa bħala direct order. L-ammont dovut lil TC Cleaning li jkopri x-xhur ta' bejn Gunju u Ottubru u li huwa ta' € 8520.
Il-Kontijiet dovuti lil Sultech li jkopri x-xhur ta' bejn Mejju u Ottubru huwa ta' € 6907.62. Is-Sindku u l-Kunsillier Joseph Buttigieg qablu li dawn jitħallsu u ffirmaw l-iskeda ta' pagamenti, filwaqt li l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Karl Buttigieg u Valerie C Mejlak ma qablux li kellu jsir xogħol b'direct order. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret li dan issa kien xogħol li twettaq u servizz li ngħata u għalhekk l-kuntratturi jridu jitħallsu.

79.11.15 Gieh il-Qala – Ursula ma tridx tirċievi dan il-premju. Irċivejna nomina waħda għal premju ħidmet iz-zgħazagħ li nfetħet u nqrat dak il-ħin. Kien hemm qbil unanimu li s-Sur Matthew Bartolo jingħata dan il-premju misthoqq.

79.11.16 Minħabba li issa se nintroduċu l-program talexio, se jkollna bżonn li l-allowances jsiru bi transfer bankarju. Għalhekk is-Seg. Ezekuttiv talbet lill-membri sabiex jipprovdu d-dettalji bankarji tagħhom.

79.11.17 Is-Segretarju Ezekuttiv semmiet li l-iskrivana Roseanne Azzopardi għandha leave li ma setatx tutilizza u rrakkomandat li s-Sinjura Azzopardi titħallas tagħhom. Is-Seg. Ezekuttiv ressqet ukoll it-talba sabiex titħallas tal-vacation leave days tagħha li minħabba l-esiġenzi tal-Kunsill ma setatx tuża. Kien hemm qbil unanimu li s-Seg. Eżekuttiv kif ukoll l-iskrivana jitħallsu tal-leave li ma ġiex utilizzat. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat ukoll lill-kamra li s-Sinjura Sabrina Jill Galea, l-Assistant Principal il-ġdida ser tibda l-impjieg tagħha mal-Kunsill fl-1 ta' Diċembru 2023. Nilqgħuha magħna u nawgurlawha ħidma fejjieda.

79.11.18 Kwotazzjonijiet:

a) Intalbu u ngabbru l-kwotazzjonijiet għal printing tal-ktieb dwar il-vittmi tal-gwerra. Kien hemm qbil sabiex nordnaw 100 kopja. Il-Perita



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Xuereb applikat għal-DNO sabiex ikun jista jitkompla l-proġett tal-Monument u l-bini tat-taraġ.

79.11.19 Applikajna għal iskema tal-Housing fejn ressaqna l-proġett ta' tisbiħ fi Gnien il-Familja.

79.11.20 Is-Seg. Eżekuttiv ippreżentat overview tal-QIFF u ġie maqbul li għal sena oħra t-talba għal fondi għandha tkun għola biex jekk hu possibbli nkunu nistgħu nilqgħu aktar minn parteċipant wieħed. Is-Seg. Eżekuttiv semmiet ukoll il-bżonn li l-parteċipanti joffru aktar minn żifna waħda għaliex din l-attivita qed tiswa eluf u ma jistax ikun li jkollna tlett ijiem fejn il-pubbliku jara l-istess żfin. Kien hemm qbil dwar dan.

## 79.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

79.12.1 Ġew ippreżentati l-iskeda ta' ħlasijiet bin-numru 11/2023 għal perjodu ta' bejn is-17 ta' Ottubru 2023 u l-15ta' Novembru 2023 li tammonta għal €41,492.36 kif ukoll skeda ta' ħlasijiet bin-numru 12/2023 li tkopri l-pagamenti dovuti għal xogħolijiet li saru u li ma kienux koperti b'kuntratt u għalhekk kienu meqjusa bħala direct order. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li ttieħdet azzjoni sabiex dan ma jkomplix isir u l-kunsill kien għaddej bis-sejħiet għall-offerti. L-iskeda bin-numru 11/2023 minbarra l-pagament ta' l-Avukatessa Dr. Claire Bonello ġew unanimament approvati. Reġa ma kienx hemm qbil li jitħallas il-kont għas-servizz ta' Dr. Bonello kif ukoll l-iskeda bin-numru 12/2023 ma ġietx approvata mill-Kunsilliera Karl Buttigieg, Valerie C Mejlak u Ivan Cefai. Għalhekk l-iskeda ma ġietx approvata. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkanċellat il-pagament ta' Dr. Bonello u l-kumplament tal-iskeda numru 11/2023 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet ippreżentata u approvata kopja tal-ispjejjeż relatati ma Petty Cash li saru matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru 2023.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 79.13 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

79.13.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-21.00pm. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal Ħamis, 14ta' Diċembru 2023 fl-16.30p.m.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

(Anex 1)

## Grech Heidi Victoria at Qala Local Council

**From:** Mario Scerri <marioscerrilld@gmail.com>
**Sent:** Wednesday, 15 November 2023 15:10
**To:** Carmelo Galea & Associates
**Cc:** Peter paul Said; Paul Buttigieg; Grech Heidi Victoria at Qala Local Council
**Subject:** Re: Said vs Kunsill Lokali Qala.

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Bla Pregudizzju

Dr. Galea,

Illejla ser niltaqà mal-Kunsill.

Il-bilanc nett dovut f'sorte wara r-rapport tal-perit tekniku huwa tà €7,982.wara li sar pagament tà €17,405 fit-18 tà April 2023.

L-imghax mill-prezentata tal-kawza jammonta ghal xi haga aktar minn hamest'elef, li nipproponi li jigu arrotondati ghal €5,018.

Nipproponi wkoll li l-ispejjez jibqghu bla taxx bejn il-partijiet.

Kemm il-darba l-klijenti tieghek jaqblu mà din il-proposta, naghti parit lill-Kunsill biex jiddiskuti u japprova din il-proposta u jghaddi biex jigi saldat il-hlas tà €13,000 halli tigi ceduta l-kawza fl-udjenza li jmiss.

Nismà minghandek.

Avv. Mario
Scerri

On Tue, 24 Oct 2023 at 15:46, Carmelo Galea & Associates <drcgalea@gmail.com> wrote:

Dr Scerri,
Tista' tispjegali kif wasalt għal dawn il-figuri please? Għaliex jiena konvint li ħdimthom tajjeb u l-figura li erġajt wasalt għaliha wara li inputtjajt il-figuri mill-ġid l-istess baqgħet.

Ninfurmak ukoll li tiegħi mhumiex disposti li jirriduċu r-rata ta' imgħax ulterjorment għaliex diġia ċedew biżżejjed fi sforz li jaslu. Għalhekk sakemm ma għandix xi żball jien fil-figuri, l-ammont jibqa' kif komunikat lilek fil-11 ta' Ottubru.

Għada għandna l-Qorti u għalhekk forsi tkun tista' tagħtini risposta għada. Sadattant jien ser ngħid lil Margaret biex ma titlax qorti għada ġaladarba din għall-informazzjoni biss qegħda.

Grazzi u insellimlek,

On Thu, 19 Oct 2023 at 17:34, Mario Scerri <marioscerrilld@gmail.com> wrote:

Dr. Galea,



PB

Mill-kalkoli li ghamilt jien gibthom inqas cjoé €12,978.16.

Interament minghajr pregudizzju u fid-dawl tà dak li hareg il-bierah waqt il-laqgha u sabiex jigu evitati aktar kumplikazzjonijiet, inkun f'pozizzjoni li naghti parir lill-Kunsill li jissalda l-pretensjonijiet kollha dwar il-hlas tas-sorte u mghax ghas-somma tà €13,000 u l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Kemm-il darba l-klijenti tieghek jaccettaw, il-proprosta titressaq quddiem il-Kunsill f'laqgha li tinzamm qabel is-seduta li jmiss bit-tama li f'dik l-udjenza l-kawza tigi transatta.

Nistenna twegiba.

Grazzi.

Avv. Mario Scerri

On Thu, 19 Oct 2023 at 16:02, Carmelo Galea & Associates <drcgalea@gmail.com> wrote:

> Għażiż kollega,
> MINGĦAJR PREĠUDIZZJU.
>
> In segwitu għall-inkontru li kellna l-bieraħ, qiegħed nibgħatek rendikont tal-imgħaxijiet dovuti lill-klijenti tiegħi li kieku l-imgħax jiġi kkalkolat bir-rata ta' 4% fis-sena u b'6- jum mid-data ta' kull invoice b'effett sal-ġurnata tal-lum.
>
> Nistenna mingħandek,
>
> --
> Yours Truly,
> Av. Carmelo Galea.
> Carmelo Galea Associates
> Advocates
> 83, Sir Luigi Camilleri Street,
> Victoria, Gozo Malta
> VCT 2706
> Tel: 0035621563348
> Mob: 0035699423348
> Fax: 0035621551580

--
Yours Truly,
Av. Carmelo Galea.
Carmelo Galea Associates
Advocates
83, Sir Luigi Camilleri Street,
Victoria, Gozo Malta
VCT 2706
Tel: 0035621563348
Mob: 0035699423348
Fax: 0035621551580

'Anex II'

It-Tnejn, 26 ta' April 2021.

Laqgħa bejn is-Sindku Paul Buttigieg u s-Sur Mark Agius.

PREŻENTI

Paul Buttigieg – Sindku
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv
(f'isem il-Kunsill Lokali tal-Qala)

u
Mark Agius
Daniel Refalo

**MINUTI**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

Il-laqgħa bejn iż-żewġ partijiet bdiet fl-10:15a.m. u ġiet mitluba mis-Sur Agius. L-*item* waħdieni propost fuq l-aġenda huwa kif isegwi hawn taħt.

**1.0 Żvilupp fil-Qala**

1.1 Is-Sur Agius stqarr li jħoss li r-relazjoni tagħhom bħala żviluppaturi mal-Kunsill tal-Qala beda fuq ton ħażin. Agius qal li l-Kunsill għadu dritt jappella, anzi jekk iħoss li hemm il-ħtieġa allura jkun fid-dmir li jagħmel dan. Ir-raġuni li talab għal din il-laqgħa kienet li f'irħula oħra huma (Agius u Refalo) sabu kompromess mal-Kunsilli/komunitajiet permezz ta' kontribuzzjonijiet u inizjattivi, u li jixtiequ li jagħmlu hekk mal-Kunsill tal-Qala wkoll.

1.2 Is-Sur Refalo qal li għalihom bħala żviluppaturi dawn l-appelli jissarfu f'ħin mitluf u li (kieku ma sarux l-appelli) sa issa il-bini kien ikun lest; u għalhekk kien ikun qed isir pjaċir lir-raħal għax ikunu ħelsu mit-trakkijiet u t-trabijiet qabel.

1.3 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li l-proġett kollu ta' Kassja ġie sottomess lill-Awtorità tal-ippjanar (PA) f'erbgħa fażijiet, u staqsa dan kollu sarx biex jiġi evitat li jiġi sottomess *Environmental Impact Assessment* (EIA).

1.4 Is-Sur Agius qal li qabel ma applikaw għat-tielet fażi huma ikkonsultaw mal-ERA, fejn dawn tal-aħħar talbu li jsir EIA u li ser ikunu (Agius u Refalo) jgħaddu kopja ta' dan l-istudju lill-

*Kunsill Lokali – Qala – Local Council*
*Ċentru Ċiviku*
*Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala*
*Tel: 21552555 Fax: 21553232*
*Email: qala.lc@gov.mt*

PB

Kunsill Lokali. Is-Sindku semma li suppost l-EIA jikkonsulta mal-Kunsill ħalli jistudjah bħal ma ġara fil każ ta' Ħondoq. Is-Sindku stqarr li l-Kunsill fl-ebda ħin ma ġie mitlub jagħti feedback għal dan l-istudju, u talab li jkun jaf min ipprepara dan l-istudju. Segwiet diskussjoni dwar jekk Kunsill Lokali jistax jagħti opinjoni għal studji ta' dan it-tip.

1.5 Is-Sur Agius tenna li l-partijiet bdew mill-ewwel "bis-skieken kontra xulxin" u li dan mhux sew. Staqsa hemmx ċans li jinstab kompromess; mhux għal appell li jista' jibqa' għaddej imma għal relazzjoni iżjed sana bejn iż-żewġ partijiet fuq il-long term. Refalo u Agius qalu li setgħu jdaħħlu 40 applikazzjoni u kien jkun "karnival" kieku sehh dan. Is-Sindku qal qabbel pass bħal dan mal-proġett ta' *Busietta Gardens* fejn minn naħa rawħ mod u minn naħa rawħ mod iehor. Semma wkoll li minn naħa ta isfel ser jkun għoli seba sulari minn mat-triq. Is-sur Refalo qal li nistgħu mmorru narawħ issa. Naħa minnhom hemm 4 sulari għax jaqa taħt il-policy. Is-sur Refalo semma li is-Sindku fil-bord semma *garbage room* u qal li huma lesti jilħqu kompromess dwar dan.

1.6 Is-sur Refalo qal li issa li l-appell (fuq l-ewwel żewġ applikazzjonijiet) intilef, wieħed ikun irid iħares 'il quddiem. Is-Sindku qal li lkoll nafu kif intilef l-appell, u d-dewmien minn meta ġie intavolat f'Mejju għal meta ġie deċiż f'Diċembru.

1.7 Is-Sur Refalo semma l-alternattiva li kien hemm għal dik it-triq li jinbiegħu bħala *plots* ta' 20 pied, jinbnew *flats* xorta waħda imma id-disinni jkunu differenti tant li kien ikun hemm "triq karnival li ddaħħak lin-nies". Is-Sindku staqsa allura għax il-Kunsill qed joġġezzjona qed idaħħak in-nies?

1.8 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv innota li bejn iż-żewġ partijiet hemm interessi ferm diversi, u li fl-aħħar tal-ġurnata is-Sindku u hu ma jistgħux jagħtu tweġiba mingħajr ma jgħadduwa biex tiġi diskussa fil-Kunsill. Staqsa għal eżempji ta' kompromessi li saru f'irħula oħra. Is-Sur Agius qal li l-idejat jistgħu ikunu diversi, minn per eżempju playing field, għal *planning gain* li fil-każ ta' San Ġiljan intlaħaq ftiehim li tirranġa pjazza. Is- sur Refalo qal li l-club tal-*footbal* diġa' sponsorjawh u s-Sindku qalilhom li dan ġie sponsorjat minn wieħed mill-partners tagħhom.

1.9 Is-Sindku Paul Buttigieg iddikjara li l-ebda sponsor u l-ebda kompromess ma kienu se jibddlu il-valuri tiegħu.

1.10 Is-Sur Refalo qal li jħoss li hemm ħafna mibgħeda bejn il-partijiet. Is-Sindku wieġeb li l-azzjonijiet tiegħu huma ġejjin minn *feedback* li jkollu mingħand ir-residenti. Is-Sur Refalo staqsa kif dan il-feedback ma ġiex ippublikat, meta jeżisti obbligu mill-PA li għal kull oġġezzjoni trid tirreġistra l-isem u d-dettalji tal-persuna. Is-Sindku spjega li mhux kulħadd ikun irid li ismu jidher, u jkun jippreferi li jibqa' anonimu; u li n-nies jinsabu irrabjati għaliex ser jinbnew madwar 165 appatament mingħajr EIA.

1.11 Is-Sur Agius reġa' lura għall-punt imqajjem qabel (vide minuta 1.7), s-Sur Refalo qabbel l-iżvilupp tagħhom mal-binjiet li hemm faċċata tal-istess triq, li saru fi żminijiet differenti u għalhekk ma kienux jikkumplimentaw lil xulxin u qal li huma pastażata. Semma bħala

eżempju u kuntrast ma dawn il-postijiet id-djar tal-Greċja, kif ukoll it-triq tal-iskola l-antika ta' Sannat. Is-Sindku qalilhom mela skond huma tal faċċata huma pastażata. Is-Sur Agius qal li ġew nies imlaħqin jaraw il proġett u kollha qablu miegħu. Qal wkoll li ġew għall-laqgħa biex titnaqqas il mibgħeda lejjhom. Is-Sindku semma li kull meta xi ħadd japplika u jkun bini massiv u ser joħloq problemi nappellaw u staqsa x'ser isir mit-traffiku kollu li ser jinħoloq minn minn dan il-proġett? Is sur Agius qal li dan ma kellux bżonn ta *full* EIA.

1.12 Is-Sur Agius tenna l-istedina tiegħu li lkoll naraw hemmx xi ħaġa li permezz tagħha l-partijiet jersqu lejn xulxin, u li l-mibgħieda titpoġġa għall-ġemb. Is-Sindku staqsa bħala eżempju minn fejn ser jgħaddi it-traffiku minn/lejn dawn l-appartamenti, u s-Sur Agius qal li it-*Traffic Impact Assessment* huwa għand il-PA u li jista' jarah kulħadd. Is-Sindku reġa staqsa kif il-Kunsill ma ġiex ikkonsultat waqt li kien qed isir dan l-istudju.

1.13 Is-Sindku Paul Buttigieg staqsa fuq l-isvilupp li hemm ippjanat li jsir fi Triq il-Barbaġan, li jiġi fuq in-naħa ta' wara dan l-istess proġett. L-applikazzjoni saret minn Joseph Portelli. Is-Sur Agius qal li ma jafx li Joseph Portelli għandu propjetà fiz-zona imsemmija, u li jista' jkun hemm xi ħadd ieħor bl-istess isem li forsi applika.

1.14 Is-Sur Agius talab biex jekk hemm xi ħaġa li biha naqsu lill-Kunsill u li huma ma jafux biha, jiltaqgħu u fejn ikun possibbli ssir xi ħaġa biex titranġa is-sitwazjoni.

1.15 Is-Sur Refalo staqsa il-għala, jekk il-Kunsill kellu oġġezzjoni fuq dik iz-zona, (il- Kunsill) ma tkellimx fl-2006 meta nbidel il-local plan? Is-Sindku wieġeb li anke dak iż-żmien il-Kunsill kien għamel is-sottomissjonijiet tiegħu, u li kien ġara l-istess għall-każ ta' Hondoq, ċioe' li l-Kunsill tkellem u xorta ma ingħatax widen.

1.16 Is-Sur Agius qal li bħala proposti ma għandom xejn konkret f'idejhom, iżda stieden lill-Kunsill biex jekk jaqblu jidentifikaw zoni fejn forsi hemm problemi, bħal per eżempju l-bandli li hemm fil-qrib. Is-Sindku qal li bħala bandli diġa' għandom flus allokati mill-PA. Is-Sur Agius qal li minn dan kollu, gawdew biss l-avukati u l-periti, u li kemm huma bħala żviluppaturi kif ukoll il-Kunsill kull ma ħadu minn dan kollu kien spejjeż ta' flus.

1.17 Is-Sindku semma li kien hemm għajdut li hu ingħata xi flats minn dan il-proġett. Is-Sur Agius qal li l-kuntratti huma kollha ppublikati u li għalhekk sempliċi riċerka kienet ser turi li dan l-għidut mhuwiex veritier. Intlaħaq qbil li ma jingħatax widen għax-xniegħat tan-nies għax meta dawn isiru jkun qed isir biss tfigħ ta' valenu minn min ma jkunx jaf l-affarijiet kif inhuma.

1.18 Is-Sindku qal li fl-aħħar mill-aħħar il-Kunsill hu tan-nies u jitmexxa min-nies, u li hu li għandu xi jgħid dejjem qalu fil-beraħ quddiem il-mezzi tax-xandir.

1.19 Is-Sur Agius qal li dwar il-kontribuzzjonijiet wieħed jista' dejjem jiddiskuti. Iddikjara li ma jħoss li hemm xejn personali f'dan kollu għax "kieku ma konniex niġu."

1.20 Tqajjem bħala eżempju il-każ ta' Muxi. Is-sur Agius staqsa hemmx qbil li l-istrttura preżenti titranġa mill-istat ta' tiġrif li tinsab fiha fil-preżent. Is-Sindku semma li l-ewwel darba li saret

applikazzjoni f'dan il-post kien xi erba snin ilu; u li xorta kien oġġezzjona alavolja kien hemm qrabat tiegħu li spiċċaw kellhom xi jgħidu miegħu fuq dan. Dwar biex titranġa l-kamra, is-Sindku qal li naraw l quddiem. Is-sur Agius semma li huma ġibdu l permess lura, bis-Sindku jtenni li kulħadd jaf għaliex seħħ dan.

1.21 Is-Sur Refalo talab li ir-rabja lejhom għanda titneħħa, anke xħin wieħed iqis in-numru ta' familji li jaqilgħu l-għajxien permezz ta' xogħol magħhom. Tenna li minn tant kumpanniji ta' żvilupp li qed jaħdmu fil-Qala, iħoss li l-Kunsill imqabbad magħhom biss tant li jistħajjel li s-Sindku għandu xi ħaġa personali għalihom. Is-Sur Refalo semma każ fejn fl-imgħoddi is-Sindku anqas kafè ma kien aċċetta mingħandu. Is-Sindku tenna billi staqsa min mill-iżviluppaturi l-oħra għandu proġetti ta' 160 appartament f'raħalna, u li fil-każ tal-kafe sal-llum anqas biss ma kin jaf min (Refalo) kien.

1.22 Is-Sur Agius qal li bħalissa hawn applikazzjonijiet għal madwar 400 appartament fil-Qala quddiem il-PA, u staqsa lill-Kunsill Lokali hux "tagħna biss li qed tara?". Is-Sur Refalo ressaq l-argument minn dawn l-applikazzjonijiet kollha li tagħhom huwa l-isbaħ proġett; li l-appartamenti qed jinxtraw minn nies li kapaċi jiġulek għall-*weekend*, u ressaq l-eżempju li dawn kapaċi jkollhom flus li, dejjem jekk ikunu jgħixu hawn, jkunu jistgħu jitfgħuwom fi ħwienet tal-lokalità.

1.23 Il-laqgħa kkonkludiet fil-11:00am. Is-Sur Agius talab li ma ssirx ħsara lilhom biss; u wera disponibilità li anke jiltaqa' mal-Kunsill kollu jekk hemm bżonn. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalu li ser ikunu qed jgħaddu minuti ta' din il-laqgħa lis-Sur Agius, u jqajmu il-kontenut tal-istess laqgħa għal diskussjoni fil-Kunsill.

(Iffirmata)

Paul Buttigieg
Sindku

(Iffirmata)

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Qala – Local Council
Ċentru Ċiviku
Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala
Tel: 21552555 Fax: 21553232
Email: qala.lc@gov.mt